MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 683/2012

**Eric ATTARD [K.I. Nru. 481183M]**

**vs**

**Ruth BORDA [K.I. Nru. 190783M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mir-rikorrenti fl-4 ta' Ottubru, 2012** u li permezz taghha talab il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' hames mija hamsa u disghin euro [€595] u dan wara li ppremetta hekk:

"Il-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-Attur is-somma ta' hames mija u hamsa u disghin euro (€595) rapprezentanti prezz ta' UPS 1.5KVA rackmountable mibjugh u kkonsenjat lill-konvenuta, liema kreditu ta' l-attur jirrizulta wkoll fost l-ohrajn mill-fattura hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 26 ta' Lulju, 2012 u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimata giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fis-16 ta' Ottubru, 2012, ma kkontestatx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar l-20 ta' Novembru, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mir-rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar l-20 ta' Novembru, 2012 u l-fatt li l-intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tar-rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' hames mija hamsa u disghin euro [€595], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------